MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2010

Numru. 287/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef )**

**vs.**

**Mihai Vasile-Cristian**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Mihai Vasile-Cristian, ta' tlieta u tletin (33) sena imwieled ir-Rumanija fid-19 ta' Frar 1977, bin il-mejjet Vasile u joqghod x'imkien tas-Sliema, detentur tal-karta' ta' l-identita Rumena nru. XT 352510.

Talli fl-20 ta' Settembru 2010 u l-21 ta' Settembru 2010 bejn l-11.50p.m. (nofs-il lejl neqsin ghaxra) u 12.05a.m. (nofs-il lejl u hamsa), f'dawn il-gzejjer, f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta'l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza ghandha tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenti legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija, u li ma jirrizultax li l-imputat kien ikkommetta xi reat iehor qabel dan;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Il-Qorti tordna li d-droga ezebita bhala Dok TM1 tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------